**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Frar 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Eman Ebejer**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Eman Ebejer iben Joseph u Mary nee Zammit imwieled Pieta nhar il 25 t' Awwissu 1985, resident 176, Millennia, Triq San Pietru, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita numru 439685(M)

Akkużat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-2 ta' Dicembru 2019, ghall-habta tas-saghtejn u ghoxrin ta' filghodu (02:20am) minn gewwa Fruit and Veg. Triq San Pietru Kirkop u/jew mill-vicinanzi:

1. Ikkommetta serqa ta' Euro100 (€100) fi flus kontanti ghad-detriment ta' Angelo Callus u/jew persuni ohra, liema serqa hija kwalifikata bil-'mezz', u bil-'hin'. (Art.261(b)(f), 263, 264, 265, 266, 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

L-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fis-seduta tal-lum stess.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrieh hija ta' erba' (4) snin prigunerija. Il-Qorti ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

Meta regghet issejhet il-kawza, fuq domanda tal-Qorti, l-imputat wiegeb li kellu hin bizzejjed biex jerga' jiddiskuti mal-avukat tieghu, u ikkonferma d-dikjarazzjoni tieghu li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotta kontrih.

Il-Qorti semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotta kontra tieghu.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni fit-tieni seduta ta' dawn il-proceduri, u cioe dik tal-lum stess, u ghalhekk l-ammissjoni tieghu ghandha titqies bhala wahda bikrija, stante li ma heliex il-hin tal-Qorti u tal-Pulizija.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li fis-seduta tal-lum stess, l-imputat hallas l-ammont ta' mitt Euro (€100.00), li huwa l-ammont kollu li hu seraq, lill-avukat tal-parte civile, u ghalhekk il-piena ghandha titnaqqas bi grad ai termini tal-Artikolu 337(3) tal-Kodici Kriminali.

Il-fedina penali tal-imputat certament m'hix wahda felici. Huwa ghandu tminn kundanni ta' serq, wahda minnhom ghal pussess semplici tad-droga kokaina, u l-ohrajn kollha ghal diversi reati ta' serq kwalifikat. Ghalkemm inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu, inkluzi ordnijiet ta' liberta kondizzjonata, u ordni ta' probation, jidher li l-imputat ma jridx jitghallem, tant li hemm diversi sentenzi li kkundannawh ghal piena ta' habs effettiv.

In vista ta' dan, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea fil-kaz odjern ghandha wkoll tkun dik ta' habs effettiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b) u (f), 263, 264, 265, 266, 270, 49, 50, 289, 337(3), 278(3) u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna li dawn l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**